**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 1999**

**Rikors Nru: 17B/96**

**Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat, James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar, 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino**

**vs**

**Angela Mangion**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu r-rikorrenti pro et nomine et, wara li ippremettew illi jikru lill-intimati nofs indiviz ta' razzett flimkien ma' tlett itmiem raba cirka annessi mieghu, maghrufa bhala Tal-Hlantun, f'Misrah il-Hlantun, limiti ta' Hal-Safi, bil-qbiela ta' Lm25 fis-sena, pagabbli fil-15 ta' Awissu ta' kull sena.

Illi r-rikorrenti permezz tal-prezenti rikors jirriprendu pussess tal-istess nofs indiviz tar-razzett u r-raba mieghu anness, u dan ai termini tal-artikoli (4) (2) (d) u (f) tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, u talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu minghand l-intimata n-nofs indiviz tar-razzett flimkien ma' tlett itmiem raba cirka annessi mieghu, maghrufa bhala Hal-Hlantun, f'Misrah il-Hlantun, limiti ta' Hal-Safi.

Ra li avolja debitament notifikata skond il-ligi, l-istess intimata qatt ma dehret sabiex tikkontesta l-istess talba in ezami u lanqas ma ipprezentat risposta bil-miktub ghall-istess skop.

Ra id-digriet tal-15 ta' Jannar 1997 li permezz tieghu stante li kien miet Gustavo Sciortino l-atti tal-kawza ghaddew fuq ibnu Stephen Sciortino (ara fol 5 sec tal-process).

Sema' x-xhieda tal-istess Stephen Sciortino.

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi a bazi tax-xhieda ta' Stephen Sciortino kif ukoll tal-fatt li t-talba in ezami kif dedotta mill-istess rikors ma gietx kontestata mill-intimata jidher car u evidenti li l-istess talba ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talba kif dedotta u jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu minghand l-intimata l-pussess tan-nofs (1/2) indiviz tar-razzett u tlett itmiem cirka ta' raba annessi mieghu, maghrufa "tal-Hlantun" f'Misrah il-Hlantun, limiti ta' Hal Safi u dan sal-15 ta' Awissu 1999; bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Alan Calleja
Dep.Reg.